QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.

Illum l-Erbgha, 12 ta' Dicembru 2001

Numru 13

Citaz. Nru. 593/95 FDP

Francis Giudice bhala direttur f'isem u in rapprezentanza tas-socjeta` F.G. Electrics Co. Limited

Vs

Maureen Scicluna;

u b'digriet ta' l-4 ta' Marzu 1997 l-Avukat Consuelo Scerri Herrera u l-PL Madeleine Firman gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw il-konvenuta assenti;

u b'nota tat-3 ta' Gunju 1997 il-konvenuta assumiet l-atti fil-kawza personalment u inhargu l-kuraturi.

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta` attrici ghamlet xoghlijiet fornituri u installazzjonijiet ta' elettriku fuq inkarigu tal-konvenuta, kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-bilanc dovut huwa ta' hames mija u disgha u tletin lira Maltin u tletin centezmu (Lm539.30) u l-konvenuta giet inutilment interpellata thallas;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u disgha u tletin lira Maltin u tletin centezmu (Lm539.30) bhala bilanc ta' prezz ta' xoghlijiet fornituri u installazzjonijiet ta' elettriku;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn gie eccepit:-

1. Illi hija ma kelliex thallas l-ammont mitlub fic-citazzjoni;

2. Illi l-attur kien taha stima ammontanti ghal seba' mitt lira ghax-xoghol li kellu jigi ezegwit fuq inkarigu tal-konvenuta u mhux dik ezebita fil-process;

3. Illi l-attur kellu jaghmel uzu ta' materjali li kienu jappartjenu lill-konvenuta, u ghalhekk il-valur ta' dan il-materjal irid jonqos minn kull pretensjoni ta' l-attur;

4. Illi diversi xoghlijiet maghmula mill-attur ma sarux skond is-sengha u l-arti u fil-fatt kif kellu jigi ppruvat kellhom jinqalghu u jigu rimpjazzati minn terzi a spejjez tal-konvenuta;

U ghamlet ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri ta' l-istess konvenuta fejn gie eccepit:-

Illi hija ma kellha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici stante li l-ftehim kien sar ma' Francis Giudice personalment;

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijietipprezentati mill-abbli difensuri;

Semghet lix-xhieda prodotti;

Semghet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:-

Illi s-socjeta` attrici intavolat din il-kawza biex titlob is-somma ta' Lm539 li hi tikkontendi li huwa l-ammont bilancjali lilha dovut ghal fornitura u xoghol esegwit favur u fuq ordinazzjoni tal-konvenuta;

Illi jrid jigi rilevat li ghalkemm din ic-citazzjoni giet ipprezentata aktar minn sitt snin ilu cioe` fid-9 ta' Mejju 1995, in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta giet pprezentata aktar minn sentejn wara, u dan ghar-ragunijiet li jidhru b'mod car fl-atti ghal perjodu in kwistjoni;

Illi jirrizulta illi fis-26 ta' April 1996 l-konvenuta pprezentat rikors fejn talbet ghoxrin gurnata zmien sabiex tkun tista' tipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet u dan wara li kienet giet notifika bil-procedura ta' l-affissjoni; b'dana kollu xorta ma pprezentathiex, u kellhom jigu mahtura kuraturi; hekk kif dawn gew nominati

l-konvenuta pprezentat rikors biex tassumi l-atti tal-kawza minflok l-imsemmija kuraturi;

Illi l-konvenuta eccepiet li l-*quotation* esebita mill-attur ma kienetx dik li l-attur kien ghamlilha ghax-xoghol li kellu jsir fil-fond taghha u stqarret li hu kien ikkwotalha s-somma ta' Lm700. Dwar dan il-punt irrizulta b'mod car mill-atti tal-kawza li l-konvenuta me kienetx wisq koerenti u fil-fatt qatt ma esebiet ebda dokument in sostenn tat-tezi taghha li s-somma kellha tkun ta' Lm700; barra minn dan irrizulta li nonstante dak minnha hekk dikjarat fin-nota ta' l-eccezzjonijiet u fid-dikjarazzjoni taghha, fl-affidavit li hija pprezentat aktar tard fl-atti ta' din il-kawza hija xehdet li l-attur "*gave me an estimate of Lm749 for the completion of the works*" li hu proprju l-istess ammont li indika l-attur fic-citazzjoni tieghu u fid-dokument minnu esebit u li minn naha taghha l-konvenuta cahditu fid-dikjarazzjoni guramentata taghha. Ghalhekk il-Qorti ma tara l-ebda kredibilita` dwar dan il-punt kif eccepit mill-konvenuta;

Illi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha l-konvenuta eccepiet ukoll illi mill-ammont ta' l-istima kellu jigi dedott il-valur ta' materjal li hi kienet forniet lill-attur *nomine* fl-esekuzzjoni tax-xoghol li sar fil-fond taghha; l-attur jichad tali dikjarazzjoni u in sostenn ressaq lix-xhud Hector Sammut li kien impjegat mieghu u li hadem parti sostanzjali tax-xoghol *de quo*. Il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova biex tissostanzja din l-allegazzjoni taghha, anqas wara li saret ic-cahda espressa da parti ta' l-

attur u x-xhud tieghu u anki gie esebit kont ta' parti mill-materjal uzat;

Illi eccezzjoni ohra illi l-konvenuta ressqet kienet li parti mix-xoghol esegwit ma kienx sar skond is-sengha u l-arti; hija stqarret li dina l-allegazzjoni setghet tigi konfermata minn Joseph Vella li kien il-persuna li in segwitu akkista l-fond in kwistjoni minghandha; ma jistax ma jigi rilevat li l-konvenuta ghalkemm semmiet lil din il-persuna espressament, naqset li tressqu bhala xhud. L-attur minn naha tieghu spjega b'mod acettabbli dwar il-problema li kien inqalgha fil-*pipes* minhabba diffikulta fil-qlib u kif hu rrimedja ghal dan in-nuqqas waqt li kien ghadu ghaddej bix-xoghol; l-attur ressaq ukoll id-dikjarazzjoni ta' l-imsemmi Hector Sammut li kkonferma li "*qatt ma kelli xi complaints minghand Maureen Scicluna dwar kif kont qed naghmel ix-xoghol. Ix-xoghol dejjem sar kif dejjem kellu jsir u bil-materjal li pprovdieli Francis Giudice*"; ghalhekk il-konvenuta ma rnexxilix tissostanzja bl-ebda mod l-allegazzjoni taghha dwar xoghol hazin jew difettuz;

Illi rrizulta li oltre x-xoghol originarjament ordnat u kopert bi stima esebita, l-attur esegwixxa wkoll xi xoghlijiet ohra li ma kienux kontemplati originarjament u ghal dawn kien qed jitlob ukoll li jsir hlas apparti mill-ammont originarjament miftihem. Dwar dan il-konvenuta stqarret illi "*during the course of works I constructed a very small room to be used as a spare toilet. This was so small that I had to fix a folding door to it. It was not larger than four feet by four feet*"; ma jistax ma jigi

rilevat illi hija haga ovvja li ghalkemm din il-kamra kienet zghira xorta kienet timporta li jsiru s-servizzi mehtiega u dawn gew esegwiti mill-attur; dan huwa x-xoghol extra li jissemma f'dawn il-proceduri u ghalih l-attur ghandu dritt ghall-kumpens fil-prezz relattiv;

Illi x-xhud Hector Sammut spjega illi "*f'dan il-post jiena ghamilt xoghol ta' dawl u ilma liema xoghol kien jinkludi li qattajt it-trinek fil-hajt, li naddaft u nehhejt it-torba, li ghaddejt il-pajpijiet ghall-istallazzjoni u li ghamilt il-wiring mehtieg*", huwa spjega illi "*waqt li kont qed nahdem fuq il-post gieli tatni xi variation orders u xoghol extra minn barra dak li diga kont gejt imqabbad naghmel, alavolja dan ix-xoghol extra ma kienx miftiehem fil-bidu. Jiena dana x-xoghol extra ghamiltu hekk kif mitlub minn Maureen Scicluna*"; l-istess xhud iddikjara li x-xoghol "*sar kollu skond is-sengha u l-arti u fil-fatt qatt ma kelli xi complaints minghand Maureen Scicluna dwar kif kont qed naghmel ix-xoghol*";

Illi ghalhekk irrizulta li kien hemm diversi xoghlijiet li gew esegwiti wara li harget l-istima originali u li fil-kont esebit mill-attur dawn ix-xoghlijiet extra huma riportati separatament;

Illi pero` il-punt li l-aktar gehel lill-Qorti tikkonsidra bir-reqqa l-atti kollha quddiemha kienet il-kwistjoni tal-pagamenti li l-konvenuta tghid li ghamlet favur l-attur. Fl-affidavit taghha hija kienet esplicita dwar dan il-punt u stqarret "*I drew up two bankers' drafts from Mid-Med Bank Ltd for three hundred and fifty Malta*

*lira (Lm350) each. I gave Mr. Giudice one of the bank drafts on commencement of works. The other bank draft I gave to Mr. Giudice was on completion of the works*"; illi barra li ghalhekk hija tikkontendi li taghtu s-somma ta' Lm700 aktar tard ziedet tghid ukoll li wara li semmietlu x-xoghlijiet extra ta' l-i*spare toilet* "*On completion I paid him approximately two hundred and seventy five Malta lira (Lm275) after he gave me another bill. This is the only extra work of which I know that Mr. Giudice carried out on my property*";

Illi minn naha tieghu l-attur sa mill-bidu nett ikkontendenti li l-uniku pagament li sarlu kien ta' Lm350 u ma hallset xejn izjed anzi ppruvat tehles minnu hekk kif spicca x-xoghol u anqas kien inkarigat mit-testing finali tax-xoghol; il-konvenuta ma resqet ebda forma ta' prova biex tikkontradici dak li qal l-attur u ssostni t-tezi taghha u dan jigi rilevat illi setghet ghamlitu oltre bil-prezentata ta' xi ircevuti li setghu nhargu anki permezz tal-bank illi hija tghid li hareg zewg *banker's order*. Il-Qorti ma tistax taghti ebda kredibilita` lill-verzjoni tal-konvenuta anki meta wiehed jikkonsidra it-tahwid taghha dwar l-ammont li kien dovut ghall-extra works li hija issemmi li kien ghal Lm275; il-kont mahrug f'Lulju 1994 jindika li l-ammont dovut kien ferm inqas minn dan u ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi l-konvenuta ma kienetx qed tghid is-sewwa imma kienet biss qed tipprova tiftakar dak li minghaliha gara;

Illi fl-ahhar affidavit tieghu l-attur ta spjegazzjoni dettaljata ta' l-ammont lilu dovut u

din l-ispjegazzjoni ma giet ikkonfrontata bl-ebda mod;

Illi fl-ahhar ta' dawn il-proceduri u cioe` fil-15 ta' Frar tas-sena 2000 il-konvenuta talbet li tipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri u din kienet fis-sens illi hija "*ma ghandha ebda relazzjoni guridika ma' l-istess (attur nomine)*";

Illi l-attur instema' direttament mill-Qorti fil-fazi finali ta' dawn il-proceduri; huwa spjega kif is-socjeta` attrici kienet giet furmata wara li tlesta x-xoghol u huwa spjega illi s-socjeta` gdida baqghet bl-istess xoghol ta' qabel u li l-proprjeta` tieghu kienet ukoll taghmel tajjeb ghal din il-kumpanija; huwa ikkonferma "*illi dak kollu li kelli taht in-negozju li kien f'ismi precedenti gie naturalment kollu trasferit ghal fuq l-ohra bit-tajjeb u bil-hazin. L-istock in trade, l-attrezzaturi, l-ghodda kollha u anke il-haddiema li kelli jahdmu mieghi ghaddew minn fuq ismi personalment ghal fuq is-socjeta` limited liability company li ffurmajt wara*"; il-Qorti wara li kellha okkazzjoni tisimghu direttament tifhem, ghalkemm in kontro-ezami ta verzjoni differenti meta gie mistoqsi b'mod aktar legalistiku, hija taqbel li kull ma kellu qabel fin-negozju tieghu ghadda lill-kumpanija l-gdida li ghalhekk hadet id-drittijiet kollha ukoll.

Ghalhekk l-eccezzjoni ulterjuri li hu ovvju li inghatat wara li l-provi kienu inghalqu u bi skop pjuttost ovvju, mhix sostenibbli.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta;

Tilqa' it-talba attrici kif dedotta fic-citazzjoni.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali li ghandhom jiddekorru mis-26 ta' April 1996 data tal-prezentata tar-rikors imsemmi f'din is-sentenza, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur